# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM l-Erbgħa, 22 ta' Settembru, 2021**

**Kawża Nru. 16**

**Rik. Nru. 143/13JRM**

Mario **PACE**

vs

Anthony u Edna konjuġi **MIZZI**; u Dr Noel Bartolo u P.L. Peter Paul Żammit, li b'degriet tal-5 ta' Marzu, 2013 ġew maħtura bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Terence Gialanzé

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-12 ta' Frar, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur jitlob li din il-Qorti (i) ssib li l-kuntratt pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu tad-9 ta' Novembru, 2011, fl-atti tan-Nutar

Rosalyn Aquilina ffirmat minnu bħala garanti tal-komparenti debitur Terence Gialanzé huwa null u bla effett peress li huwa bbażat fuq kawża illeċita; (ii) tordna t-tħassir ta' dak il-kuntratt għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi; u (iii) taħtar Nutar sabiex jippubblika l-att relattiv ta' rexxissjoni fid-data, jum u post li jogħġobha tistabilixxi u kif ukoll kuraturi sabiex jidhru fuq l-imsemmi att minflok dawk il-partijiet li jonqsu li jersqu għall-pubblikazzjoni. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta tal-5 ta' Marzu 2013[1], li bih ħatret lill-Avukat Noel Bartolo u lill-P.L. Peter Paul Żammit bħala kuraturi biex jirrappreżentaw lill-imħarrek assenti Terence Gialanzé;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' April, 2013[2], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fl-22 ta' April, 2013, li biha l-imħarrkin miżżewġin Mizzi laqgħu għal-azzjoni attriċi billi ċaħdu ix-xilja marbuta ma' kawża illeċita, saħqu li lil Gialanzé silfuh l-ammont imsemmi fil-kuntratt għan-negozju tiegħu u ċaħdu wkoll li l-imħarrek Gialanzé qata' d-dejn li kellu magħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-8 ta' Mejju, 2013[3], li biha l-Kuraturi Deputati ddikjaraw illi ma kinux edotti mill-fatti u rriżervaw illi jippreżentaw risposta 'il quddiem kemm-il darba jagħmlu kuntatt mal-imħarrek Gialanzé;

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqa quddiemha mill-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Jannar, 2015[4] li bih tat lill-partijiet żmien sabiex iressqu s-sottomisssjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-attur fit-18 ta' Frar, 2015[5];

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin miżżewġin Mizzi fit-18 ta' Marzu, 2015[6] bi tweġiba għal dik ta' l-attur;

Rat li l-kuraturi deputati ma ressqux sottomissjonijiet, minkejja li ngħatalhom żmien biżżejjed biex jagħmlu dan;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

[1] Paġ. 7 tal-proċess
[2] Paġġ 20 – 1 tal-proċess
[3] Paġ. 29 tal-proċess
[4] Paġ. 172 tal-proċess
[5] Paġġ. 175 sa 180 tal-proċess
[6] Paġġ. 182 – 8 tal-proċess

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni għat-tħassir ta' kuntratt ta' garanzija minħabba kawża illeċita. L-attur jgħid li, wara li deher fuq kuntratt ta' kostituzzjoni ta' dejn bħala garanti tad-debitur, sar jaf li fis-somma dikjarata kien imdaħħal ammont ta' mgħax li jaqbeż dak li tippermetti l-liġi. Minbarra dan, jgħid li d-debitur kien ħallas is-somma lilu mislufa imma l-atturi xorta waħda qegħdin jippretendu l-ħlas mingħandu wkoll. Minħabba f'hekk, qiegħed jitlob it-tħassir tal-kuntratt;

Illi l-imħarrkin miżżewġin Mizzi jwarrbu x-xiljiet tal-attur billi jiċħdu li s-somma dikjarata kienet taħbi xi mgħaxijiet użurarji u kif ukoll li d-debitur tagħhom kien ħallas id-dejn li kellu magħhom;

Illi bħala <u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti ta' din il-kawża</u> jirriżulta li l-attur deher fuq żewġ kuntratti bħala garanti għall-imħarrek Gialanzé (minn issa 'l hemm imsejjaħ "id-debitur"). L-ewwel wieħed kien dak tat-8 ta' April, 2011, fl-atti tan-Nutar Patricia Hall, fejn deher bħala garanti solidali mad-debitur għal faċilita` bankarja ta' *overdraft* illi ngħatat lill-istess debitur fl-ammont ta' mitejn elf ewro (€ 200,000)[7]. F'dak l-att, id-debitur ta favur il-Bank kreditur ipoteka ġenerali ta' ġidu kollu flimkien ma' rahan ta' żewġ poloz ta' assikurazzjoni, filwaqt li l-attur ta b'garanzija solidali mad-debitur ipoteka ġenerali u kif ukoll ipoteka speċjali fuq il-fond 31, Triq il-Port Ruman, f'Marsaxlokk. Il-faċilita` bankarja msemmija kienet approvata fis-7 ta' Marzu, 2011[8] bil-ħruġ ta' "*sanction letter*" li fiha kienet imfissra, fost ħwejjeġ oħrajn, il-garanzija li kien se jagħti l-attur favur il-bank kreditur. Il-kuntratt kien insinwat fir-Reġistru Pubbliku fl-14 ta' April, 2011[9];

Illi fit-tieni kuntratt pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu li sar fid-9 ta' Novembru, 2011, fl-atti tan-Nutar Rosalyn Aquilina, l-attur deher bħala garanti solidali għad-debitur li fuq l-imsemmi kuntratt iddikjara li kellu jagħti lill-imħarrkin miżżewġin Mizzi (minn issa 'l hemm imsejħin "il-kredituri") s-somma ta' mitt elf ewro (€100,000)[10]. Il-partijiet qablu li d-debitur irodd lura l-imsemmija somma bla mgħax b'rati hemm maqbula bejniethom fi żmien għaxar (10) xhur mill-1 ta' Diċembru, 2011. Jekk kemm-il darba d-debitur kellu jonqos li jħares il-programm ta' ħlas imqar b'dewmien f'rata waħda, kien jibda miexi mgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq dak li jkun għad fadal jitħallas. Bħala garanzija għall-ħlas lura u pagamenti fil-ħin, id-debitur ta lill-

[7] Dok. "B" f'paġ. 57 – 61 tal-proċess
[8] Dok "Ġ", f'paġġ. 85 sa 91 tl-proċess
[9] Dok "B", f'paġ. 62 tal-proċess
[10] Dokti. "A" u "D", f'paġġ. 4 – 6 u 68 – 70 tal-proċess

kredituri ipoteka ġenerali ta' ġidu kollu sal-ammont ta' mitt elf euro u l-imgħaxijiet li jistgħu jkunu nġemgħu fuq il-bilanċ. Min-naħa tiegħu, l-attur intrabat mad-debitur bħala garanti solidali b'ipoteka ġenerali ta' ġidu kollu wkoll sal-ammont ta' mitt elf euro u l-imgħaxijiet li jistgħu jkunu nġemgħu fuq il-bilanċ. L-abbozz tal-kuntratt tħejja mill-avukat tal-kredituri u ngħata lin-Nutar li ppubblikat l-att sitt (6) ijiem qabel il-pubblikazzjoni[11], u l-pubblikazzjoni tal-istess att saret ukoll fl-uffiċju legali tal-imsemmi avukat[12];

Illi l-attur jgħid illi resaq bħala garanti tad-debitur fuq l-ewwel kuntratt għaliex l-istess imħarrek kien wegħdu li kien ser idaħħlu sħab miegħu f'negozju[13], u minn dan in-negozju l-attur kien qed jittama li jkun f'qagħda illi jifdi ċ-ċens tad-dar tiegħu f'Marsaxlokk mal-Awtorità tad-Djar[14] fl-ammont ta' ħamest elef ewro (€5,000)[15]. Ifisser ukoll li kien deher fuq l-att mertu ta' din il-kawża bħala garanti tad-debitur it-tieni darba għaliex qies illi b'dan il-mod biss seta' jeħles mill-problema li kien daħal fiha miegħu fuq l-ewwel ftehim, kif ukoll bit-tama li jara xi dħul min-negozju li d-debitur kien wegħdu. L-attur iżid jgħid illi l-faċilita` bankarja ta' *overdraft* mal-bank kreditur kienet miżmuma u kien għalhekk li d-debitur kellu jissellef mingħand il-kredituri miżżewġin Mizzi biex seta' jkompli jinnegozja[16];

Illi l-attur jgħid ukoll illi f'dawk iż-żminijiet kien għaddej minn problemi ta' nuqqas ta' finanzi, kif ukoll li kien fuq kura psikjatrika peress illi kien weġġa' fuq il-post tax-xogħol xi snin qabel u ma kienx f'qagħda li jaħdem aktar[17];

Illi fir-rigward tat-tieni ftehim, l-attur jgħid illi sa dakinhar tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt, il-fehma bejnu u d-debitur kienet illi hu jidħollu garanti biss għall-ammont ta' ħamsin elf ewro (€50,000), iżda ffirma għal garanzija ta' mitt elf ewro (€100,000). L-attur jgħid li dwar din il-ħaġa sar jaf hekk kif kienu qegħdin quddiem in-Nutar u fil-preżenza tal-kredituri u dak il-ħin inqala' diżgwid bejnu u bejn l-imħarrek fuq din il-kwestjoni[18]. Min-naħa tagħha, meta xehdet, in-Nutara ċaħdet dan u tiddeskrivi l-ftehim bħala li kien maqbul minn qabel u kien wieħed kwiet u mingħajr ġlied[19];

Illi sadattant l-attur jgħid illi l-imħarrek kien iserraħlu rasu illi kien qed jaqta' ftit ftit id-dejn li kellu mal-kredituri. Iżda wara sar jaf li dan ma kienx minnu, u meta għafas lill-imħarrek biex iżomm kelmtu miegħu, dan stqarr miegħu

---

[11] Xhieda tan-Nutar Rosalyn Aquilina f'paġ. 134 tal-proċess
[12] *Ibid.* f'paġ. 137 tal-proċess
[13] Affidavit tal-attur f'paġ. 47 tal-proċess
[14] Dok. "A" f'paġġ. 52 – 6 tal-proċess li jirreferi għal ċens perpetwu lill-attur fl-10 ta' Ġunju, 2008
[15] Kontro-eżami tal-attur f'paġ. 159 tal-proċess
[16] Affidavit tal-attur f'paġ. 48 tal-proċess u kontro-ezami tal-attur f'paġ. 160 tal-proċess
[17] Ċertifikati mediċi f'paġ. 64 – 7 tal-proċess
[18] Affidavit tal-attur f'paġ. 48 tal-proċess, kontro-eżami tal-attur f'paġ. 159 tal-proċess
[19] Xhieda Nutar Rosalyn Aquilina f'paġ. 138 tal-proċess

illi mal-kredituri kien qiegħed b'użura, bl-istess kreditur jitolbu l-ħlas lura tad-doppju tas-self[20] u jheddu li jagħmillu ħsara jekk jonqos li jasal;

Illi jirriżulta illi l-imħarrek għeb f'Novembru 2012 u jidher li telaq minn Malta. Sa dak iż-żmien kien midjun ma' bosta[21] (persuni privati u istituzzjonijiet) fuq somom konsistenti, saħansitra ma' oħtu tar-rispett Olivia Mallia[22]. Minn laqgħa li l-attur kellu magħha, sar jaf li kienet daħħlet rapport mal-Pulizija[23] kontra ħuha, u għaddietlu numru ta' dokumenti li kienet sabet għandu wara li għeb. Minn dawn id-dokumenti jirriżulta, fost oħrajn, illi fid-29 ta' Settembru 2012, l-imħarrek kien ħallas lill-kredituri s-somma ta' tnejn u għoxrin elf ewro (€ 22,000)[24] filwaqt li fit-22 ta' Ottubru 2012, il-kreditur irrikonoxxa illi l-bilanċ li kien baqagħlu jieħu mingħand l-imħarrek debitur marbuta mal-"*business venture*" kien ta' erbgħa u erbgħin elf euro[25] (€ 44,000);

Illi fuq dokument ieħor iffirmat mill-imħarrek tidher is-somma ta' sebgħa u sittin elf ewro (€67,000) bħala ammont imħallas minnu lill-kredituri marbuta mas-self mertu tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu u li dawn jinqasmu f'żewġ ċifri, waħda ta' tnejn u għoxrin elf ewro u l-oħra bis-somma ta' ħamsa u erbgħin elf ewro[26]. Madankollu, dan id-dokument ma jġibx il-firem tal-ebda wieħed mill-kredituri mħarrkin;

Illi l-kreditur Anthony Mizzi jgħid illi l-ammont ta' mitt elf euro kien jirrappreżenta flejjes illi għaddew fuq medda ta' żmien, u mhux f'okkażjoni waħda, qabel ma sar il-kuntratt li fih l-attur deher bħala garanti. Il-kreditur xehed li dawk l-ammonti kienu marbuta ma' '*business venture*' li kien daħal fiha mal-imħarrek fin-negozju li hu kellu fl-impurtar tal-prodotti iġeniċi[27]. Huwa jgħid illi dawn il-flejjes għaddew f'bosta okkażjonijiet, b'uħud minnhom isiru fi flus kontanti w oħrajn permezz ta' ċekkijiet, filwaqt li kien hemm okkażjonijiet meta l-kreditur ċeda sehmu mill-qligħ ta' merkanzija fuq suġġeriment tal-imħarrek[28]. L-aħħar li huwa ltaqa' mal-imħarrek dwar in-negozju kien f'Novembru 2012[29], u mbagħad ma rahx aktar u ma seta' jagħmel l-ebda kuntatt miegħu. Il-kreditur Mizzi fisser li l-kitba tat-22 ta' Ottubru 2012[30] turi l-bilanċ li l-imħarrek kien għad fadallu jagħtih mid-dejn dikjarat fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu li sar kważi sena qabel u li kienu garantiti mill-attur[31]. Huwa jgħid illi kien hemm żmien fejn l-ammont dovut lilu kien ta' madwar mija u sebgħin elf euro (€

[20] Affidavit tal-attur f'paġ. 49 tal-proess
[21] Ara Dok "I", f'paġġ. 115 u 118 tal-proċess
[22] Dok. "H" f'paġġ. 116-117 tal-proċess
[23] Dan ġie konfermat mill-Spettur Yvonne Farruġia f'paġ. 141 tal-proċess
[24] Dok. "E" f'paġ. 72 tal-proċess
[25] Dok. "F" f'paġ. 73 tal-proċess
[26] Dok. "J" f'paġ. 109 tal-proċess
[27] Xhieda ta' Anthony Mizzi f'paġ. 145 – 6 tal-proċess
[28] *Ibid.* f'paġ. 148 tal-proċess
[29] *Ibid.* f'paġ. 150 tal-proċess
[30] Dok. "F" f'paġ. 73 tal-proċess
[31] Xhieda ta' Anthony Mizzi f'paġ. 151 tal-proċess

170,000), iżda minn dawn tħallsu tnejn u għoxrin elf ewro minn missier l-imħarrek[32]. Il-kreditur Mizzi xehed li ma għandu l-ebda dokumenti marbuta ma' din il-"*business venture*" li qal li kellu mal-imħarrek[33];

Illi fil-11 ta' Jannar tal-2013, il-kredituri ħarġu ittra uffiċjali kontra l-attur biex jitolbuh iħallashom l-ammont ta' mitt elf euro u, fl-istess waqt u bl-istess att, irrendew eżekuttiv il-kuntratt tad-9 ta' Novembru, 2011[34]. Fis-7 ta' Frar, 2013, huma talbu u kisbu l-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru kontrih u ġew issekwestrati xi flejjes illi kellu fuq ismu fil-bank[35];

Illi fit-12 ta' Frar, 2013, l-attur fetaħ din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbutin mal-kawża, jidher ċar li l-attur jorbot it-talbiet tiegħu ma' xilja ta' kawża illeċita – l-allegata użura mħaddna mill-kredituri – bi ħsara tad-debitur, bħala r-raġuni li twassal għat-tħassir tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu. Din il-kawżali tista' titqajjem mill-attur, bħala garanti, għaliex il-liġi trid li l-garanti għandu jedd jitħalla jqajjem kontra l-kreditur kull eċċezzjoni li d-debitur ewlieni jista' jqanqal u li hija mgħaqqda mad-dejn li jkun[36];

Illi l-kawżali magħżula mill-atturi hija ċirkostanza li ma kinitx magħrufa lilu sa dakinhar li huwa resaq bħala garanti tad-debitur fuq l-imsemmi kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu. Għalhekk, meta l-Qorti se tqisha, se żżomm quddiem għajnejha li din ma kinitx kawżali ta' vizzju ta' kunsens, min-naħa tal-attur, bħala raġuni li għaliha huwa qiegħed iressaq it-tieni talba tiegħu. Dan qiegħed jingħad għaliex, meta xehed, donnu ried jgħid li kien imġiegħel jersaq fuq dak l-att pubbliku, li ma kellux għażla oħra jekk mhux billi jersaq bħala garanti, u li fiż-żmien li fih kien ippubblikat l-att, hu kien għaddej minn żmien iebes ta' dipressjoni u taqlib finanzjarju. Qajjem ukoll argumenti li l-att nutarili nnifsu kien miżgħud b'nuqqasijiet li jġibuh ma jiswiex – bħal meta jsemmi n-nuqqas tan-nutar li tikkostata l-eżistenza tal-prokura li l-kreditriċi Edna Mizzi suppost kienet tat lil żewġha, id-dikjarazzjoni tad-debitur li hu kien mifrud personalment (meta x'aktarx ma kienx) u ħwejjeġ bħal dawn. Dawn huma ċirkostanzi li jistgħu jwasslu għal effetti partikolari fuq att nutarili, imma ma jista' bl-ebda mod jingħad li dawn jikkostitwixxu elementi ta' kawża illeċita;

Illi fuq il-kwestjoni tat-tħaddim tal-użura min-naħa tal-kredituri kontra d-debitur, l-attur jgħid illi sar jaf b'din il-prattika mingħand id-debitur innifsu wara illi kien sar il-kuntratt tad-9 ta' Novembru 2011. Minħabba f'hekk,

[32] Xhieda ta' Anthony Mizzi f'paġ. 149 tal-proċess
[33] Xhieda ta' Anthony Mizzi f'paġ. 150 tal-proċess
[34] Dok. "Ha" f'paġ. 104 tal-proċess
[35] Dokti. "Hb" u "I" f'paġġ. 105 – 7 u 108 tal-proċess
[36] Art. 1958 tal-Kap 16

jisħaq li mhux biss li d-debitur kien ħallas dejnu kollu mal-kreditur, iżda aktar minn hekk ukoll. Il-Qorti tqis din bħala linja difensjonali sussidjarja, għaliex jekk inhu minnu li d-debitur qata' dejnu mal-kredituri, ma jifdal l-ebda raġuni għall-kredituri li jduru għall-ħlas kontra l-attur bħala garanti. Hawnhekk ukoll, il-Qorti tgħid li mqar kieku kellu joħroġ li d-debitur kien ħallas lill-kredituri tiegħu kulma kellu jagħtihom, għall-finijiet ta' kif hija mfassla l-azzjoni tallum, din il-linja difensjonali ftit li xejn tiswielu lill-attur għaliex f'din l-azzjoni tiegħu ressaq talba fuq kawżali oħra u mhux fuq dik tal-estinzjoni tad-dejn (minkejja li hemm xi premessi fir-rikors promotur li jgħidu li d-dejn tħallas);

Illi l-attur jislet sensiela ta' argumenti – meħuda minn provi mressqa – biex bihom juri li l-kredituri kienu qegħdin jitolbu mingħand id-debitur ħlasijiet ta' mgħax ogħla mir-rata li tippermetti l-liġi. Element ewlieni fost dawn l-argumenti hija dikjarazzjoni-riċevuta li ġġib id-data tat-22 ta' Ottubru, 2012[37] u taħt il-firma kemm tad-debitur u tal-kreditur, li tgħid li dakinhar id-debitur qata' erbat elef euro (€4,000) mid-dejn u li, sa dakinhar, id-debitur kien għad fadallu jħallas l-ammont ta' erbgħa u erbgħin elf euro (€44,000) b'rabta mal-"*business venture*". L-attur jargumenta li kien biss minħabba li l-kredituri kienu qegħdin iħaddmu l-prattika tal-użura li mbagħad, fi żmien erba' (4) xhur wara (fi Frar tal-2013) ħarġu mandat ta' sekwestru kontrih għas-somma kollha li tissemma fil-kuntratt. Ta' min isemmi li r-raġuni msemmija fil-kuntratt tal-kostituzzjoni ta' dejn hija li s-somma ta' mitt elf euro (€100,000) "*was provided to the debtor on a date prior to today for his business commitments*". Biex jingħad kollox, fis-sottomissjonijiet tal-għeluq tiegħu (u fl-affidavit li ressaq bix-xhieda tiegħu) l-attur jallega wkoll li d-debitur daħaq bih u approfitta ruħu mid-djgħufija tiegħu peress illi kien għaddej minn żmien diffiċli;

Illi, min-naħa tagħhom, il-kredituri Mizzi jiċħdu kollox, f'dan ir-rigward, filwaqt illi l-Kuraturi Deputati maħtura biex jidhru għad-debitur qatt ma seħħilhom jagħmlu kuntatt miegħu u ma jafu xejn dwar x'ġara tassew. Il-kreditur xehed quddiem il-Qorti meta mressaq fil-kontro-eżami biex ifisser kif is-somma ta' €44,000 telgħet għal €100,000 fi ftit xhur. Xehed ukoll dwar il-fatt li, wara li kien ippubblikat il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, in-negozju bejnu u d-debitur fuq l-importazzjoni regolari ta' merkanzija kien baqa' għaddej sa ftit jiem qabel ma d-debitur għeb mix-xena. Fuq kollox, seħaq li s-somma li kienet għadha dovuta ma kinitx tiġbor fiha mgħaxijiet, imma kienet ir-riżultat ta' fatturar li baqa' ma ġiex imħallas[38]. Dikjarazzjoni partikolari li l-kreditur jisħaq fuqha għal darba darbtejn hija li huwa jiċħad kategorikament li l-kostituzzjoni ta' debitu kienet self[39];

[37] Dok "F", f'paġ. 73 tal-proċess
[38] Xhieda tiegħu, f'paġ. 149 tal-proċess
[39] *Ibid.* f'paġ. 146 tal-proċess

Illi l-ġrajja ta' dan il-każ iridu jitqiesu fil-qafas tar-regola illi l-eżekuzzjoni ta' obbligazzjoni sseħħ hekk kif il-parti tintrabat biha. L-attur intrabat illi jaġixxi ta' garanti solidali mad-debitur, u għaldaqstant bid-dritt huwa marbut illi jħallas meta jiġi mitlub li hekk jagħmel. Biex jinħall minn dan l-obbligu jrid juri li l-ftehim huwa difettuż billi jipprova illi kien hemm ċirkustanza li bil-liġi twassal biex il-ftehim jiġi dikjarat ma jiswiex;

Illi, kif ingħad, l-attur jallega li l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ma jiswiex għaliex milquta mill-kawża illeċita tal-użura. L-allegazzjoni qiegħed jagħmilha l-attur u jaqa' fuqu d-dmir li jippruvaha;

Illi jibda biex jingħad illi meta titqanqal il-kwestjoni tal-użura, wieħed irid jgħarbel sewwa jekk dak li jiġi allegat ikunx qiegħed jipprova jwaqqa' l-eżistenza tal-obbligazzjoni ewlenija għal kollox, jiġifieri d-dejn innifsu, jew jekk ikunx qiegħed jattakka biss il-ħlas ta' imgħax, li hija obbligazzjoni aċċessorja għal dak id-dejn tal-ħaġa funġibbli li sejra tintuża mid-debitur[40]. L-istqarrija tad-dejn u r-rabta tal-ħlas lura tiegħu m'hijiex obbligazzjoni mtebba' bil-kawża illeċita u jekk kemm-il darba l-obbligazzjoni tal-ħlas ta' mgħax tmur lil hinn mill-ogħla rata mogħtija fil-liġi, huwa biss iż-żejjed ta' dik ir-rata li ma jiswiex u mhux ir-rabta tal-ħlas tad-dejn u tal-imgħax li huwa dovut sal-ogħla rata[41];

Illi dwar l-imgħaxijiet f'każijiet ta' mutwu, il-liġi trid[42] li l-imgħax ma jaqbiżx ir-rata tat-tmienja fil-mija (8%), u kull rata miftehma ogħla minn hekk tiġi mnaqqsa sa dak l-ogħla limitu[43]. Il-liġi ma tgħidx illi ebda mgħax ma jkun dovut jew li l-obbligazzjoni kollha ma tkunx tiswa;

Illi maż-żmien, u minħabba kwestjonijiet ta' ordni pubbliku, tqies li jekk kemm-il darba jintwera li xi somma misselfa kienet mgħobbija bi ħlas ta' rata ta' mgħax li taqbeż l-ogħla rata ffissata mil-liġi, dik l-obbligazzjoni tkun assolutament ma tiswiex[44]. Iżda dan jgħodd għall-obbligazzjoni marbuta mal-ħlas tal-imgħax u mhux mal-obbligazzjoni ewlenija tas-self innifsu. Din tal-aħħar tista' titħassar[45] kemm-il darba l-fehim jkun milqut b'vizzju li l-liġi ma tagħtih l-ebda siwi, bla ma jintilef l-obbligu li jintradd lura l-valur tal-ħaġa misselfa meqjus fiż-żmien ta' meta s-self ikun sar. Dan minħabba n-natura aċċessorja tal-obbligazzjoni tal-ħlas tal-imgħax, li ssemmiet aktar qabel. Għalhekk, meta titqanqal il-kwestjoni tal-użura, wieħed irid jgħarbel sewwa jekk dak li jiġi allegat

[40] Ara Torrente _Manuale di Diritto Privato_ (9th Ediz) §228, paġġ. 390 – 1
[41] App. Ċiv. **27.1.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Dolores Montebello et vs Saviour Chetcuti et***
[42] Art. 1852(1) tal-Kap. 16
[43] Art. 1852(2) tal-Kap. 16
[44] App. Ċiv. **7.3.1955** fil-kawża ***Peplow vs Galea*** (Kollez. Vol. **XXXIX.i.366**)
[45] Art. 1853 tal-Kap. 16

ikunx qiegħed jipprova jwaqqa' l-eżistenza tal-obbligazzjoni ewlenija għal kollox, jew jekk ikunx qiegħed jattakka biss dik aċċessorja[46];

Illi l-Qorti hija tal-fehma illi b'din il-kawża tiegħu, l-attur qiegħed jipprova jwaqqa' l-obbligazzjoni ewlenija u mhux l-impożizzjoni tal-imgħax. Il-liġi trid illi obbligazzjoni mingħajr kawża jew magħmula fuq kawża falza jew illeċita m'ghandha ebda effett[47]. Il-kawża hija illeċita meta hija projbita mil-liġi jew kuntrarju għall-għemil xieraq jew għall-ordni pubbliku[48], jiġifieri kontra l-interess ġenerali[49];

Illi fil-kaz ta' użura dejjem tqies li l-obbligazzjoni hija illecita għall-mutwant, għaliex il-ksur tad-divjet tal-liġi huwa magħmul għal kollox favurih u kontra l-interessi tad-debitur[50], li ħafna drabi, jekk mhux dejjem, ikollu joqgħod kontra r-rieda tiegħu. Ifisser għalhekk li kwalunkwe ftehim li l-partijiet jistgħu jivvantaw biex il-kreditur jasal għall-għanijiet tiegħu li jieħu imgħax aktar minn dak li tippermetti l-liġi huwa null[51];

Illi l-Qrati Maltin jiddistingwu bejn in-nullita` u annullabilita` ta' kuntratt. Kif ġie ritenut "*Il-kelma nullità hija użata fix-xjenza ġuridika f'żewġ sensi, wieħed fis-sens proprju ta' "ineżistenza", jiġifieri kuntratt null ma jkunx jeżisti u qiesu qatt ma sar, u l-ieħor ta' "annullabilità", jiġifieri meta l-kuntratt jew att ieħor jista' jeżisti u jibqa' jseħħ sakemm ma jiġix imħassar u mwaqqa' għal xi raguni li ssemmi u trid il-liġi. Il-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati hija kostanti li tirritjeni li meta l-kwistjoni hija ta' nullità, il-konvenut f'kawża jista' jqajjimha b'eċċezzjoni, iżda jekk hija waħda ta' annullabilità hu ma jistax iġibha 'l quddiem ħlief b'kawża separata 'ad hoc*"'[52];

Illi, marbut ma' dan il-prinċipju, max-xilja mressqa mill-attur ta' użura, jekk il-kawża tal-ħlas tal-flus jew tal-oġġetti għandha rapport dirett mal-użura, allura l-obbligazzjoni hija nulla; jekk il-flus ingħaddew f'ċirkostanzi ta' negozju indipendenti, allura jkun jiswa[53]. Jibqa' il-fatt illi din hija kwistjoni unikament ta' fatt illi għandha tkun mistħarrġa mill-ġudikant kull każ għalih skond iċ-ċirkustanzi tal-każ li jkun. Il-Qorti trid toqgħod b'seba' għajnejn illi min-naħa ma tħassarx ftehim, meta dan messu jibqa' fis-seħħ u, min-naħa l-oħra, ma żżommx ħaj ftehim fejn dan jirriżultalha vizzjat għal xi raguni maħsuba mil-ligi[54];

[46] Ara b'eżempju, P.A. PS **31.5.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***George Bonniċi et vs Silvio Naudi*** (mhix appellata)
[47] Art. 987 tal-Kap. 16
[48] Art. 989 tal-Kap. 16
[49] Ara. App. Ċiv. **15.11.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Aġius et vs Paċe et*** (Kollez. Vol: **XLI.i.694**)
[50] App. Ċiv. **4.3.1938** fil-kawża fl-ismijiet ***Lia vs Genovese et*** (Kollez. Vol: **XXX.i.103**)
[51] P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Farrugia vs Fedela Carabott*** u r-referenzi hemm imsemmija
[52] App. Ċiv. **3.2.1936** fil-kawża fl-ismijiet ***Agius vs Ċianċio*** (Kollez. Vol: **XXIX.i.452**)
[53] Ara App. Ċiv. **12.2.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Demicoli et vs Angelic Mifsud pro et noe*** u r-referenzi hemm imsemmija fosthom P.A. **21.3.1933** fil-kawża fl-ismijiet ***Reman vs Papa***; P.A. **14.12.1934** fil-kawża fl-ismijiet ***Portanier vs. Overend***;u App. Ċiv. **15.5.1931** fil-kawża fl-ismijiet ***Smith vs Lawrence***
[54] P.A. **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Farrugia vs Fedela Carabott***

Illi meta l-Qorti tqis il-provi li tressqu quddiemha miż-żewġ partijiet, issib li ma tistax toqgħod fuq ix-xilja tal-attur marbuta mat-tħaddim tal-użura. Kull ma joħroġ mill-provi huwa illi d-debitur kellu jagħti somma sostanzjali lill-kredituri. Dan l-ammont ma kienx kontestat u l-fatt li kien tella' dak id-dejn magħhom ma jikkostitwix obbligazzjoni illeċita. Fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' dejn saħansitra jingħad espressament li ma kien se jimxi l-ebda mgħax fuq id-dejn mistqarr jekk kemm-il darba d-debitur kien iseħħlu jroddu lura fi żmien għaxar (10) xhur. Minbarra dan, jidher li l-għajn tar-rapport ġuridiku li minħabba fih tnissel id-dejn kien in-negozju ("*business venture*") li kien jeżisti bejn il-kreditur u d-debitur u li l-attur innifsu jagħraf li kien jeżisti u li kien ilu żmien imwebbel biex ikollu sehem minnu wkoll. L-istess ħaġa tingħad dwar l-allegazzjoni tal-attur li, fil-fehma tiegħu, kien se jidħol garanti tad-debitur fis-somma ta' ħamsin elf euro (€ 50,000) u mhux fuq is-somma d-doppju li ssemmiet fil-kuntratt. F'kull każ, ċirkostanza bħal din ma tippruvax – kontra dak espressament miftiehem u miktub – l-eżistenza ta' xi pretensjonijiet użurarji min-naħa tal-kredituri. Fl-aħħarnett, meta l-attur għażel li jagħti l-firma tiegħu bħala garanti tad-debitur, dan kien qiegħed jagħmlu għat-tieni darba f'medd ta' ftit xhur u, jekk kellu xi dubji dwar dak li kien sejjer jagħmel jew dwar dak li għalih iffirma, kien messu għażel li ma jiffirmax qabel ma jieħu l-pariri meħtieġa u jara l-affarijiet tiegħu[55]. Għall-kuntrarju, mill-provi mressqa ħareġ li dakinhar li sar il-kuntratt tal-kostituzzjoni tad-dejn, kollox kien miftihem minn qabel u l-partijiet resqu bil-kwiet għall-pubblikazzjoni tiegħu u ma nqala' l-ebda ntopp;

Illi l-Qorti tqis illi l-attur ma kien għaqli xejn u daħħal lilu nnifsu fi problema illi seta' bla tbatija jevita b'aktar attenzjoni, u dan meta lid-debitur kien ġarrab x'isarraf u kif ma setax joqgħod fuq kelmtu u l-wegħdi li qatt ma jżomm. Il-Qorti temmen u tagħder lill-attur meta jgħid illi kien għaddej minn żmien iebes f'ħajtu. Hija tħossha wkoll moralment konvinta illi l-attur ġie sfruttat mid-debitur meta webblu jidher fuq il-ftehim bħala garanti tiegħu għal darba darbtejn, iżda dan kollu ma jiġġustifikax il-kawżali li fuqha l-attur isejjes l-azzjoni tiegħu għat-tħassir tal-kuntratt, u l-kitbiet ta' bejniethom għaldaqstant jibqagħlhom is-siwi tagħhom. Il-Qorti ma ngħatat ebda raġuni oħra għaliex għandha ssib li jeżistu ċirkostanzi għar-rexxissjoni tal-kuntratt mertu tal-każ;

Illi, biex ikun ingħad kollox, u ġaladarba ssemmiet mill-attur f'waħda mill-premessi u tressqet eċċezzjoni għaliha mill-kredituri mħarrkin Mizzi, il-Qorti ser tqis it-tieni aspett ta' din il-kawża, l-eċċezzjoni tal-istess imħarrkin illi d-dejn li għalih l-attur daħal garanti għadu mhux imħallas;

[55] App. Ċiv. **27.3.2020** fil-kawża fl-ismijiet ***Cyril Worley et vs Emanuel Ellul et***

Illi l-eċċezzjoni tal-ħlas (l-*exceptio soluti*) hija waħda mit-toroq li bihom id-debitur ta' obbligazzjoni jista' jagħżel biex jilqa' għat-talba għall-eżekuzzjoni ta' dik l-istess obbligazzjoni min-naħa tal-kreditur. Fiha nfisha, dik l-eċċezzjoni timplika s-siwi tal-obbligazzjoni[56] u t-twettiq tagħha min-naħa tad-debitur[57];

Illi ladarba l-ħlas huwa wieħed mill-modi magħrufa mil-liġi[58] kif jintemmu l-obbligazzjonijiet, l-eċċezzjoni tal-ħlas, jekk tirnexxi, iġġib magħha ċ-ċaħda tal-pretensjoni tal-kreditur li jibqa' jinsisti għall-ħlas (jiġifieri t-twettiq tal-obbligazzjoni). Minħabba f'hekk ukoll – apparti mit-tħaddim tal-massima proċedurali li min jallega jrid jipprova – meta d-debitur jallega l-ħlas, jaqa' fuqu d-dmir li jissodisfa lill-Qorti li dan kien tassew il-każ, u ma jkunx l-obbligu tal-kreditur li jipprova l-kuntrarju;

Illi biex eċċezzjoni bħal dik tilħaq l-għan tagħha, jeħtieġ ukoll li jintwera li l-ħlas ikun sar lill-persuna li tassew kienet awtorizzata bil-liġi li tirċevih[59]. Hekk sa minn dejjem kien miżmum mill-Qrati f'materja bħal din;

Illi l-attur jisħaq illi d-debitur kien qallu li l-mitt elf ewro tħallsu lill-kredituri. Huwa jressaq bħala prova xi dokumenti li nstabu minn oħt l-istess debitur illi jixhdu illi kien għadda xi ħlas bejn id-debitur u l-kredituri tiegħu. Tliet dokumenti li l-Qorti tqis li huma ta' siwi huma l-irċevuta tad-29 ta' Settembru, 2012[60], id-dikjarazzjoni tat-22 ta' Ottubru, 2012[61] (msemmija aktar qabel); u nota tad-debitur li hija bla data iżda li biċ-ċifri li jidhru fuqha hija indikattiva illi nkitbet wara d-29 ta' Settembru, 2012, wara li sar il-ħlas ta' tnejn u għoxrin elf ewro[62];

Illi l-kredituri ma jiċħdux li d-debitur kien wettaq ħlasijiet, ukoll wara li sar il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, iżda jgħidu li l-ħlas li sar kien għal raġunijiet oħrajn minn dawk imsemmija f'dak il-kuntratt li għalih l-attur daħal garanti. Dan għaliex id-debitur kien baqa' jżid dejnu magħhom u kellu jagħtihom ferm aktar minn hekk. F'waqt minnhom hu u jixhed, il-kreditur isemmi s-somma ta' mija u ħamsa u sebgħin elf ewro (€175,000) li d-debitur kien tella' u ma ħallasx;

Illi l-Qorti ma tistax toqgħod għal kollox fuq il-verżjoni mogħtija mill-kreditur imħarrek. Jibda biex jingħad illi l-kreditur jirreferi għan-negozju li kien daħal fih mad-debitur bħala '*business venture*', u d-dikjarazzjoni tat-22 ta'

[56] Art. 1147(1) tal-Kap. 16
[57] Art. 1146 tal-Kap. 16
[58] Art. 1145(a) tal-Kap 16
[59] P.A. 14.3.1957 fil-kawża fl-ismijiet Żammit vs Montanaro Gauċi noe et (Kollez. Vol: XLI.ii.930)
[60] Dok. "E" f'paġ. 72 tal-proċess
[61] Dok. "F" f'paġ. 73 tal-proċess
[62] Dok. "J" f'paġ. 109 tal-proċess

Ottubru, 2012, ftit ġranet biss qabel ma l-imħarrek għeb, tirreferi għall-bilanċ li baqa' dovut lill-kredituri marbut sewwasew ma' '*business venture*'. Il-Qorti tqis illi, filwaqt li l-kreditur Mizzi jagħraf il-firma tiegħu fuq dik id-dikjarazzjoni, ma tistax tifhem kif jista' jkun li ma żammx dokumentazzjoni ta' dak li kien fadallu jieħu lura mingħand id-debitur, kif ukoll għaliex lanqas żamm dokumentazzjoni oħra li turi t-transazzjonijiet li saru bejniethom. Il-Qorti tqis illi l-kreditur imħarrek kien f'qagħda aktar b'saħħitha mid-debitur u ma jagħmilx sens illi jekk tassew kien hemm dejn ieħor minbarra dak imsemmi fil-kuntratt tal-kostituzzjoni ta' dejn, kopert bil-garanzija tal-attur, ma kellu xejn x'iżommu milli jiddokumentah b'xi mod x'imkien;

Illi l-Qorti għaldaqstant qiegħda tasal għall-fehma illi parti mis-somma ta' mitt elf ewro tħallset mid-debitur, iżda baqa' bilanċ favur il-kredituri kif tixhed id-dikjarazzjoni tat-22 ta' Ottubru, 2012, li għalih irid jagħmel tajjeb l-attur bħala garanti;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

Filwaqt li **tiċħad t-talbiet attriċi** , bħala mhix mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrkin miżżewġin Mizzi** li l-ftehim mhux mibni fuq kawża illeċita; u

**Tordna** li l-attur iħallas **l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**22 ta' Settembru, 2021**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**